**QORTI TAL-APPELL**

**(Sede Inferjuri)**

**(Ghawdex)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 21/2023/1**

**Paul Debattista et**

**vs.**

**Avukat Dr. Michela Spiteri noe li b'digriet tat-30 ta' Jannar 2024 giet nominata bhala kuratur deputat mahtura sabiex tirraprezenta lill-imsiefra Gwen Lee**

**Illum 18 ta' Ottubru, 2024**

Il-Qorti

Il-Qorti rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Dr. Michela Spiteri noe. datat 22 ta' Marzu 2024 li jaqra kif isegwi:

"Illi l-atturi appellati permezz tar-rikors taghhom ppremettew u talbu:

Illi huma jikru lil intimat l-garaxx numru 5, Hamri Court, Triq iz-Zewwieqa, Ghajnsielem, Ghawdex.

Illi l-intimata ma hallsitx il-kera tal-garaxx ghal l-ahhar skadenza tal-31 ta' Awissu 2023 fl ammont ta' € 820. Illi in oltre r-rikorrenti ma jixtiequx igeddu din il-kirja u jixtiequ jirriprendu lura l-pusess ta' dan il-garaxx.

Illi l-kirja ta' garaxx ma hijiex protetta bil-ligi u s-sid ghandu dritt jiriprendi lura l-fond meta jrid hu.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:-

1. Jawtorizza lis-sidien rikorrenti jirriprendu lura l-pusess ta' dan il-garaxx li kien miikri lil intimata.

2. Jillikwida l-kumpens dovut mid-data tal-ahhar skadenza sad-data li fiha jottjenu lura l pusess tal-fond.

Illi fir-risposta taghha il-konvenuta appellanti eccepiet:

Illi b'digriet tat-30 ta' Jannar 2024, l-esponenti giet nominata bhala kuratrici sabiex tirraprezenta l-imsiefra Gwen Lee.

Illi l-esponenti mhijiex edotta mill-fatti u għalhekk tirrizerva li tipprezenta risposta ulterjuri meta u jekk tirnexxielha tikkomunika mal-intimata.

Illi bis-sentenza tas-sebgha (7) ta' Marzu 2024, l-ewwel Onorabbli Bord li Jirregola Kera iddecieda l-kawza fl-ismijiet premessi billi laqa' t-talba tar-rikorrenti u awtorizzahom sabiex fl-ewwel lok jipprendu lura l-pusess tal-garaxx numru 5, Hamri Court, Triq iz-Zewwieqa, Ghajnsielem, Ghawdex, u fit-tieni lok, ikkundanna lillintimata sabiex thallas s-somma ta' mitejn hamsa u erbghin euro u hams u ghoxrin centezmi (€1,245.25c) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' tmien mija u ghoxrin Euro (€820.00) hlas ta' kera tal-iskadenza tal-31 ta' Awwissu 2023 u ghas-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€425.25), hlas ta' kera ghal granet mill-1 ta' Settembru 2023 sas-7 ta' Marzu 2024. Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimata.

Illi l-konvenuta hasset ruhha aggravata b'dina d-decizjoni u qed tinterponi dan l-umli appell mill-istess sentenza.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti;

Fatti

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti:

Illi fl-ahhar ta' Jannar 2024, l-esponenti rceviet telefonata minn ufficjal tal-Qorti ta' Ghawdex fejn giet infurmata illi hija kienet inhatret kuratrici fil-kawza odjerna. Fl-istess telefonata hi nfurmat lillistess ufficjal tal-Qorti illi hi qieghda tghix b'mod permanenti fil-Gzira ta' Ghawdex u li kienet ser tigbor ir-rikors fil-jiem li gej.

Illi nhar il-5 ta' Frar 2024, l-esponenti marret personalment fil-bini tal-Qorti Ghawdex fejn tat ruhha notifikata bir-rikors in kwistjoni. Sa' dakinhar ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' data ghal smigh tal-kawza fuq ir-rikors u ghalhekk l-esponenti ppretendiet illi kienet ser tigi notifikata biddata iktar 'il quddiem wara l-prezentata tar-risposta taghha.

Illi fid-9 ta' Frar 2024, il-Bord appunta r-rikors ghas-smigh ghat-22 ta' Frar 2024 fid-9.00am u ordna n-notifka tad-digriet lill-esponenti.

Illi fl-14 ta' Frar 2024 l-att gie mibghut lill-marixxal anzjan Sur John Micallef, sabiex dan jigi notifikat lill-esponenti.

Illi fl-20 ta' Frar 2024 sar tentattiv biex l-esponenti tigi notifikata fil-bini tal-Qorti f'Malta, pero' dan irrizulta fin-negattiv.

Illi fl-22 ta' Frar 2024, ad insaputa tal-esponenti, il-Bord zamm seduta fejn semghet il-provi tarrikorrenti u ddiferiet il-kawza ghall-1 ta' Marzu 2024 ghal-provi kollha tal-intimata.

Illi fit-23 ta' Frar 2023, l-esponenti ghamlet risposta fl-atti tal-kawza, fejn spjegat illi hija mhijiex edotta mill-fatti u rrizervat id-dritt li tipprezenta risposta ulterjuri meta u jekk tirnexxielha tikkomunika mal-intimata.

Illi ghal kull buon fini, jigi rilevat illi l-esponenti kienet imsiefra bejn l-1 u 3 ta' Marzu 2024 u ghalhekk ma kenitx f'posizzjoni li tattendi ghas-seduta meta l-kawza thalliet ghal provi taghha. B'danakollu, li kieku kienet giet notifikata bid-data, kienet taghmel rikors u titlob differiment.

Illi l-esponenti baqghet ticcekja s-sistema tal-ecourts regolarment minghajr ebda success, sakemm, fl-11 ta' Marzu 2024 baghtet messagg lill-avukat tal-kontro-parti fejn staqsietu x'gara fuq il-kawza, fejn hemmhekk giet infurmata illi l-kawza kienet inqatghet.

Aggravji

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu f'dan li gej:

Illi l-esponenti qatt ma giet notifikata bid-data tas-smigh tal-kawza u ghalhekk meta prezentat irrisposta taghha fit-23 ta' Frar 2024, ma kellha l-ebda hjiel li l-provi tar-rikorrenti kienu diga nstemghu, u wisq inqas illi l-kawza kienet giet differita ghall-provi taghha. Effettivament, wara li pprezentat ir-risposta tghha, ppruvat kemm il-darba li taghmel il-verifiki taghha fuq is-sistema talecourts biex tiskopri meta kienet ha tinstema' l-kawza, izda dan kien minghajr success.

Illi l-esponenti tirrileva illli, kif jidher mir-risposta taghha, hija tirrisjedi Nadur, Ghawdex, u kien propju ghalhekkk illi hija nhatret kuratur fil-Qorti ta' Ghawdex. L-esponenti ma tistax tifhem ghaliex sar tentattiv biex hi tigi notifikata fil-Qorti ta' Malta u ma sar l-ebda tentattiv biex tigi notifikata gol-Qorti ta' Ghawdex, meta, wara kollox l-esponenti mhux biss tghix Ghawdex izda kienet prezenti fil-bini tal-Qorti fit-23 ta' Frar 2024 meta pprezentat ir-risposta, u dakinhar stess zammet seduta fit-Tribunal tat-Talbiet tal-Konsumatur ghal saghtejn shah.

Illi jigi rilevat ukoll illi ghalkemm l-esponenti kienet giet ikkuntattjata facilment fl-ahhar ta' Jannar, ma sar l-ebda tentattiv biex l-esponenti terga' tigi kkuntattjata

bit-telefon, (jew permezz tal-email) wara l-5 ta' Frar u wisq anqas wara l-20 ta' Frar jew it-22 ta' Frar 2024, meta l-kawza giet differita ghall-provi tal-intimata.

Illi ghalhekk, l-esponenti ma kenitx f'posizzjoni illi twettaq dmirijietha ai termini tal-artikolu 936 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tiehu dawk il-mizuri kollha biex tissalvagwardja l-interessi talimsemmija Gwenn Lee.

Illi ghalkemm huwa minnu illi l-esponenti ghadha mhijiex edotta mill-fatti u f'dan l-istadju ghadha mhijiex f'posizzjoni illi tressaq provi li jikkontradixxu dak ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, huwa daqstant minnu illi l-esponenti ma nghatat l-ebda indirizz jew taghrif iehor tal-intimata, biex tkun tista' twettaq id-doveri taghha skond il-ligi.

Illi ghalhekk l-esponenti ma nghatatx l-opportunita' li taghmel investigazzjonijiet jew sottomissjonijiet, u wisq anqas li tipprova taghmel kuntatt mal-imsiefra Gwenn Lee, sabiex tkun f'posizzjoni ahjar li tiddefendi l-interessi taghha skond il-principji ta' gustizzja naturali u skond il-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt illi taghmel referenza ghall-provi kollha gja prodotti u tirriserva li tressaq kull prova ohra skond il-ligi, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha:

THASSAR u TIRREVOKA s-sentenza appellata msemmija tas-7 ta' Marzu 2024, u taghti lopportunita` lill-appellanti sabiex tressaq kwalsiasi provi li jista ghandha u ghalhekk tghaddi biex tichad it-talbiet tal-atturi u dana bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati."

Rat illi l-appellati Paul Debattista u Joanne Debattista debitament notifikati naqsu milli jipprezentaw risposta.

Rat il-verbal tallum stess fejn Dr. Kevin Mompalao informa lill-appellanti illi qed jaccetta li hemm zball fl-atti u li hi ma kienetx notifikata b'avviz tas-smiegh quddiem il-Bord.

Rat ukoll illi fit-frattemp Dr. Spiteri kellha komunikazzjoni ma' Dr. Mompalao u llum kienet f'pozizzjoni tiddikjara li hija ma ghandiex provi u tirrimetti ruhha ghall-provi fl-atti.

Illi fil-mertu tal-aggravji l-Qorti rat mill-process ta' quddiem il-Bord li effettivament l-appellanti tat ruhha notifikata fil-5 ta' Frar 2024 fejn dakinhar is-smiegh quddiem il-Bord kien ghadu mhux appuntat.

Rat li effettivament l-ewwel dehera quddiem il-Bord giet appuntata permezz ta' digriet datat 12 ta' Frar 2024 bl-ewwel data tkun it-22 ta' Frar 2024.

Rat li effettivament mill-atti ma jirrizultax illi Dr. Spiteri giet notifikata bl-avviz tal-appuntament tal-kawza u ghalhekk hija qatt ma setghet tkun taf bis-smiegh tal-kawza, almenu mhux bil-procedura korretta skont il-ligi.

Jirrizulta ghalhekk li l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat u l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Illi fic-cirkostanzi izda illi l-istess appellanti ddikjarat li llum il-gurnata vverifikat li ma hemmx aktar provi jkun futli li l-kaz jigi rinvinjat lura lill-Ewwel Qorti.

Illi ghal dak li huwa l-mertu tal-kawza odjerna din il-Qorti tal-Appell ma ghandiex aktar x'izzid mad-decizjoni tal-ewwel Qorti ghajr illi tvarja dik il-parti fejn gie ndikat illi l-appellanti kienet debitament notifikata. Fil-bqija l-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanti fis-sens illi tiddikjara illi l-appellanti ma kienetx debitament notifikata fl-ewwel stadju tal-proceduri, illi in vista izda tad-dikjarazzjoni tal-istess appellenti li ma hemmx aktar provi, tikkonferma l-bqija tad-decizjoni appellata datata 7 ta' Marzu 2024.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Deputat**